**JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002**

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 3** | **SOCIAL STUDIES (OPTION)** | **TIME: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Isem: ________________________________ Klassi: _______________

**TAQSIMA A**

**<u>Agħti tifsira ta' dawn il-kliem f'mhux inqas minn 30 kelma. Saħħaħ it-tifsira b'eżempju:</u>**

1. Normi Soċjali

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Ġustizzja Soċjali

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Solidarjeta'

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Ekonomija ta' pajjiż

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Trejd Unjons

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Wirt Kulturali

7. Politika

8. Ordni Soċjali

9. Teknoloġija

10. Saħħa ħolistika

(30 marka)

**TAQSIMA B**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

L-ewwel fażi tal-ħajja tax-xogħol kienet dik agrikola. Din l-attivita' damet tirrenja għal eluf ta' snin. Il-ħaddiem agrikolu juża enerġija li tagħtih direttament in-natura, per eżempju, ir-riħ, l-ilma jew is-saħħa ta' dirgħajh.
Is-seklu li għadda il-bixra tax-xogħol ħadet xejra kompletament differenti. Dan kien possibbli għaliex il-bniedem irnexxielu jivvinta l-magna.

Permezz ta' l-iżvilupp tat-teknika l-bniedem beda joħloq l-enerġija hu stess, per eżempju l-enerġija li tiġi mill-istim, mill-elettriċita' u, saħanistra, l-enerġija nukleari. Din l-enerġija tirdoppja fuq li tirdoppja l-kapaċita' fiżika li kellu l-bniedem agrikolu.

(*Ibda Għix fid-Dinja,* Ċentru Fidi u Ġustizzja)

1. X'tifhem bil-kelma xogħol?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(2)

2a. Semmi t-tliet taqsimiet li fihom insibu l-ħaddiem

i. ____________________

ii. ____________________

iii. ____________________ (3)

b. X'differenza tgħaddi bejn dawn it-tliet oqsma?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(6)

3. Xi żvilupp qed naraw f'din is-silta?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(4)

4a. Illum il-bniedem qed jinqeda b'teknoloġija aktar avvanzata. X'inhi?

______________________________________ (2)

b. Illum l-emfasi tax-xogħol qiegħed aktar fuq il-ħiliet (skills). Semmi tliet ħiliet li l-ħaddiema jeħtieġu fid-dinja tal-lum.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(3)

(20 marka)

**TAQSIMA Ċ**

**<u>Agħżel TNEJN (2) minn dawn u ikteb madwar 100 kelma dwar kull waħda:</u>**

1. Każijiet ta' inġustizzji soċjali li qegħdin ibatu minnhom in-nies f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

2a. Min huma l-imsieħba soċjali?

b. X'jippruvaw jagħmlu flimkien?

3. X’isawwar il-kultura tagħna l-Maltin?
4. Id-differenza bejn partit politiku u gvern.
5. Ir-rwol partikolari li jaqdu fis-soċjeta’ il-Mass Media.

(15x2=30marka)

**TAQSIMA D**

**<u>Agħżel WIEĦED (1) minn dawn u ikteb mhux inqas minn 300 kelma dwaru:</u>**

1. Il-qgħad mhux biss jagħmel ħsara lill-individwu li ma jistax isib xogħol iżda huwa ta’ deni għas-soċjeta’ kollha. Iddiskuti.
2. L-impenn fil-politika bħala servizz lejn pajjiżek.
3. Ser tinfetah skola ġdida għal studenti bejn il-11 u s-16-il sena. Int bħala kap ta’ l-iskola tixtieq tfassal regolamenti għal din l-iskola li ser jolqtu lill-amministrazzjoni, lill-għalliema, lill-istudenti, lill-ġenituri, lis-segretarji u lill-purtinara. X’tipproponi bħala regolamenti biex żgur ikun hemm ordni fl-iskola tiegħek?
4. Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Mass Media għandhom implikazzjonijiet soċjali. Kif?
5. It-teknoloġija daħlet sewwa f’ħajjitna u tinfluwenza ħafna lill-għażliet tagħna. Ikkummenta.

(20 marka)